

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 49/2011

tal-20 ta' Mejju 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2009 tal-4 ta' Diċembru 2010 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva 2009/3/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/137/KE tal-10 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istrumenti tal-kejl fir-rigward tal-isfruttar tal-għadd massimu ta' żbalji permissibbli, f'dak li għandu x'jaqsam mal-annessi speċifiċi għall-istrumenti MI-001 sa MI-005 ⁽⁵⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (6) Id-Direttiva 2009/23/KE tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 90/384/KEE ⁽⁶⁾ li hija inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentament għandha titħassar skont il-Ftehim,

- (7) Id-Direttiva 2009/34/KE tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE ⁽⁷⁾ li hija inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentament għandha titħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu IX tal-Anness II mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test fil-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE) għandu jiġi sostitwit bi:

"32009 L 0034: Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7).

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom, għar-raġunijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-ewwel inċiż tal-punt 3.1 tal-Anness I u għall-ewwel inċiż tal-punt 3.1.1.1(a) tal-Anness II, għandu jiżdied dan li ġej mat-test fil-parenteżi:

'FL għal-Liechtenstein, IS għall-Islanda, N għan-Norveġja',

- (b) Id-disinj li għalihom jirreferi l-Anness II fil-punt 3.2.1, għandhom jiġu ssupplimentati bl-ittri meħtieġa għas-sinjali FL, IS, N."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 24 (Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE):

— **32009 L 0003:** Id-Direttiva 2009/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 (ĠU L 114, 7.5.2009, p. 10)."

⁽¹⁾ ĠU L 62, 11.3.2010, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 114, 7.5.2009, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 122, 16.5.2009, p. 6.

⁽⁴⁾ ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7.

⁽⁵⁾ ĠU L 294, 11.11.2009, p. 7.

⁽⁶⁾ ĠU L 189, 20.7.1990, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 202, 6.9.1971, p. 1.

3. It-test fil-punt 27 (Direttiva tal-Kunsill 90/384/KEE) għandu jiġi sostitwit bi:

“**32009 L 0023**: Id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 6).”

4. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 27b (Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“— **32009 L 0137**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/137/KE tal-10 ta' Novembru 2009 (ĠU L 294, 11.11.2009, p. 7).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/3/KE, 2009/23/KE, 2009/34/KE and 2009/137/KE bl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2011, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.